**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2016

Talba nru: 293/2016 AM3

Lista Nru: 38

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Skyparks Business Centre,**

**Malta International Airport,**

**Luqa**

**Vs**

**Ruud Buhagiar (K.I. 333194M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-02 ta' Awwissu, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas ta' sitt mija u zewg ewro u hamsa u erbghin centezmu (€602.45c) liema somma hija dovuta lis-Socjeta' attrici mill-konvenut ghas-

servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut a bazi tat-tariffa "Voda Red CON-World" referribli ghall-kont bin-numru 1.10989562 moghtija mis-Socjeta` attrici lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-avviz tat-talba u wkoll bl-avviz tas-seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra x-xhieda permezz tal-affidavit ta' Dr Jeremy Debono in rapprezentanza tas-Socjeta` attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut mill-konvenut fl-intier tieghu u d-dokumenti esebiti mal-avviz tat-talba.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u zewg ewro u hamsa u erbghin centezmu (€602.45c) bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-effetttiv pagament.

L-ispejjez huma a kariku tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**